MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Numru. 930/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**ANNA MANICOLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anna Manicolo, ta' 41 sena, bint George Manicolo u Mary nee’ Spiteri imwielda Pieta' fid-29 ta' Dicembru 1970 u li toqghod f’155, Rudolph Mensions, Flt 9, Triq Rudolfu, Sliema. Detentrici tal-Karta ta' l-Identita’ Maltija bin-numru 15071M

Giet akkuzata

1. Talli bejn is-snin 2007 u 2010, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex gieghlet jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqlet tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37) u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

b. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffirmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamlet uzu taghhom;

c. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taght taghrif falz;

d. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, geghlet bl-awtorita' taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew hattet bini, jew kisret il-mixi ta' l-ilma jew hadet l-ilma ghaliha, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghta ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija.
Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Arthur Azzopardi ghall-imputata iddikjara li diga’ giet formulata skema ta’ hlas, liema hlas l-imputata ghandha taghmel favur l-Awtorita’ tad-Djar rigwardanti dan il-kaz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 308, 309, 310, 183, 184, 188 u 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Anna Manicolo, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputata, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u ukoll dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum minn Dr Arthur Azzopardi ghall-imputata fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u wara li rat l-artikolu 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputata Anna Manicolo ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in

kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputata Anna Manicolo tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Anna Manicolo l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------